# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tas-27 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l- Erbgħa, 7 ta' Settembru 2016 fis-6.15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Mark Azzopardi |
| | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| ***Skuzat*** | |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Josmar Camilleri |

**27/01** **Talba**

**27/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 26**

**27/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**27/03** **Punti mtella' mill-Minuti 26**

**27/03/01** **Para 26/03/01:** Għandha tintbagħat reminder lil DLG rigward il-fondi tal-PPP.

**27/03/02** **Para 26/03/02:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntrattur tal-knis waqaf fl-aħħar tax-xahar u ntqabbad kuntrattur temporanju sakemm tinħareġ tender ġdida.

**27/03/03** **Para 26/03/03:** Għandha tintbagħat reminder lil MPT biex issir il-laqgħa magħhom..

**27/03/04** **Para 26/03/04:** Il-bozza għadha pendenti mill-Enemalta.

**27/03/05** **Para 26/03/05:** Il-Kunsill ġie nfurmat li tlestew it-toqob.

**27/03/06** **Para 26/03/06:** Id-DLG għandu joħroġ linja gwida rigward il-boundary walls.

**27/03/07** **Para 26/03/08:** Is-Sindku kkonferma li tkellem mal-kuntrattur. Ma kienx hemm konferma fuq il-fondi pendenti, imma l-boroż għandhom jaslu l-Kunsill din il-ġimgħa.

**27/03/08** **Para 26/03/10:** Ghandha ssir talba lil-TM rigward line isfar fil-kantuniera ta' Triq Isqof Gargallo qabel ma tigi Triq San Gwann.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

27/03/09 **Para 26/03/11:** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret is-sleeping policeman fi Triq Katerina Sammut.

27/03/10 **Para 26/03/12:** Għandha tintbagħat ittra lis-sid tal-għalqa biex itella' ċ-ċint.

27/03/11 **Para 26/03/13:** Għandha tintbagħat reminder lil DLG u lil GPD rigward il-kiri tat-Torri tas-Semaforu.

27/03/12 **Para 26/05/01:** Il-bin wasal il-Kunsill u għandu jitwaħħal.

27/03/13 **Para 26/05/02:**. Il-Kunsill ġie nfurmat li ġew approvati d-double yellow lines fi Vjal ir-Repubblika. Il-line l-abjad fi Triq Naxxar ghad irid isir.

27/03/14 **Para 26/05/03:** Twaħħlet it-tabella f'tal Ferħa Estate. Kien hemm qbil li jinxtraw aktar stickers u pjanċi.

27/03/15 **Para 26/06/01:** Ġie kkonfermat li ntbagħtet l-applikazzjoni kif ukoll soft copy mitluba.

27/03/16 **Para 26/06/03:** Il-Kunsill irċieva l-commitment letter għal 300 Ewro kotba ħhal-librerija lokali.

27/03/17 **Para 26/07/02:** Għandhom jiġu ndirizzati l-issues li kien hemm imsemmija fil-Management Letter.

27/04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

27/04/01 Dwar il-Festa kien hemm konsensus li s-servizz tal-pulizija kien batut nhar is-Sibt tal-festa filwaqt li is-servizz kien tajjeb nhar il-festa. It-tindif sar tajjeb u fil-hin. Kien hemm diskussjoni rigward il-kiosks tal-festa fejn gie innotat li kien hemm kiosks minghajr il-permessi mehtiega. Is-Sindku għandu jitlob parir mill-Avukat rigward il-possibbilita li jitnaqqsu l-kiosks jinbidlu l-postijiet fejn jarmaw u jmorru fi Triq 31 ta' Marzu..

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**27/04/02** Ġie innutat li l-proġett ta' Sqaq il-Ħofra kważi lest.

**27/04/03** Kien hemm diskussjoni rigward il-ground tax-Xwieki. Gie innutat li minkejja li l-Gvern kien weghedna li dan il-ground ser jittiehed lura meta titlesta l-Coast Road jew sa Jannar li ghadda ghadu ma sar xejn.

**27/04/04** Kien hemm qbil li jinxtara asphalt b'118 Ewro kull tunnellata biex isir patching mid-distrett fi Triq Sta Katerina.

**27/04/05** Kien hemm diskussjoni rigward proposta biex isiru skips għall-ħwejjeġ. Kien hemm qbil li dawn ma jsirux minnhabba n-nuqqas ta' post addekwat.

**27/04/06** Kien hemm qbil li jibda x-xogħol fuq l-ATM. Ix-xoghol ta' thammil ser isir mis-Sur Robbie Pullicino u x-xoghol bini minn mis-Sur Charles Muscat.

**27/04/07** Il-Kunsill qed jistenna r-rapport tal-engineer għall-applikazzjoni għall-fondi UIF tal-Ġnien ta' Żagħruna.

**27/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**27/05/01** CAS-30007-H0Z3G8 Talba biex issir tabella "No Parking" fejn hemm double yellow line fi Triq Caravaggio. Kien hemm qbil li din ma ssirx minħabba li mhix prattika.

**27/05/02** Talba għal Junction Box quddiem No 26, Triq San Nikola. Kien hemm qbil fuq din.

**27/05/03** Il-Kunsill qabel li jsir line isfar matul Triq l-Oratorju fejn diga hemm it-tabelli ta No Parking filwaqt li isiru double yellow lines fuq kull naha ta garage fi Triq l-Oratorju ftit l-isfel mill-ispizerija.

**27/05/04** Diversi ilmenti dwar il-knis li qed isir bil-lejl kif ukoll li l-gbir tal-iskart qed jibda kmieni. Is-Sindku ser jiehu hsieb ikellem lill-kuntrattur

**27/05/05** Ilment dwar karrozza abbandunata fi Sqaq fi Triq Mons L Catania. Gie deciz li jsir rapport lill-Pulizija.

**27/06** ***Korrispondenza***

**27/06/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA. Kien hemm qbil li jsir oġġezzjoni għal PA 4036/16 minħabba li din hija ODZ. Għandha tintbagħat korrispondenza wkoll fuq PA 5214/16 "Gate issir skont linji gwida".

**27/06/02** Kien hemm diskussjoni rigward talba biex isiru korsijiet fil-Kunsill. Kien hemm qbil li ma tiġix aċċettata din il-proposta.

**27/06/03** Ġiet innutata korrispondenza rigward il-latrina tal-Għargħur. Is-Sindku għandu jiltaqa' ma' Rappreżentant tal-Ministeru tat-Turiżmu pero gie deciz li l-Kunsill ma jiffirmax il-Commitment letter jekk ma jkollnix konferma bil-miktub li s-servizz tal-latrina ser jibqa minghajr hlas.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**27/06/04** Ġiet innutata applikazzjoni għal reserved parking fi Triq Stiefnu Zerafa li giet rifjutata.

**27/06/05** Ġiet innutata Ċirkolari 17/2016 – Nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat minn membri.

**27/06/06** Ġiet innutata ittra mill-Avukat Ramona Frendo.

**27/06/07** Ġiet innutata Ċirkolari 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Dan għandu jintgħażel mill-pool eżistenti. F'laqgha ohra ghandhom jitressqu l-ismijiet.

**27/06/08** Ġiet innutata Ċirkolari 19/2016 – Sħubija fil-Local Action Groups. Għandha tintbagħat l-informazzjoni mitluba.

**27/06/09** Ġiet innutata Ċirkolari 18/2016 – Inizjattiva finanzjarja għal Kumitati Reġjonali. Il-preżentazzjoni ser issir fl-14 ta' Settembru 2016 fil-Barrakka.

**27/06/10** Giet innutata Cirkolari dwar il-htiega li jsir mid-Term Audit. Gie deciz li dan isir meta tinhatar is-Segretarju Ezekuttiv.

**27/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**27/07/01** Is-Sur Christopher Fenech ippropona biex jinxtraw żewġ pots għal ħdejn il-monument, information panel għall-Kappella ta' San Nikola u 3 tabelli "No Smoking" għall-Ġnien il-Paċi. Kien hemm qbil unanimu fuq dawn. Kien hemm qbil ukoll biex tinġabar stima għall-bandiera kbira kif ukoll għal tiswijiet fuq il-gazebo ta' Ġnien il-Paċi.Ghandha tintalab stima ta' hames tabelli.

**27/07/02** Is-Sur Mario Gauci fakkar li jrid jinħareġ l-avviż għall-injections.

**27/08** **Appovazzjoni tal-Pagamenti**

**27/08/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Rigward pagament numri 18, 31, u 43 dawn għandhom ma jinħarġux sakemm jiġu vverifikati. Kont numru 44 ta Velladrians gie meqjuz li kien gholi u l-Agent S.E. ser ikellem lill-kuntrattur dwar dan. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti l-oħra. Ġiet approvata wkoll l-lista tal-petty cash.

**27/09** **Aġġornament**

**27/09/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 26 ta' Settembru 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |